**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**Carl Ciantar**

Numru 113/2009

Illum 21 ta' Marzu 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Carl Ciantar**, ta' dsatax (19)-il sena, iben Carmelo u Carmen neé Vassallo, imwieled tal-Pietà, nhar il-11 ta' Settembru 1989, residenti gewwa Blokk D, Door A, Flat 4, Triq Pietru Gagliardi, Tarxien, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 421789(M)

akkuzat talli:

1. matul il-lejl ta' bejn l-20 ta' Jannar 2009 u l-21 ta' Jannar 2009, gewwa Triq il-Palma, Paola, ikkommetta serq minn gewwa Puma Stores ghad-dannu ta' Eligio Vella u persuni ohra, liema

serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioé hsara gewwa Puma Stores, Triq il-Palma, Paola, liema hsara taqbez mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

3. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 217/2009 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Lawrence Quintano liema Process Verbal jirrigwarda serq ta' zraben u hwejjeg ohra minn Puma Sports, Palm Street, Paola rrapurtat nhar il-21 ta' Jannar 2009 (*a fol.* 37 *et seq.*).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 399) datata 30 ta' Jannar 2015, li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- fl-Artikoli 261(b),(c),(f), 263(a), 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 405a *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 408 *seq.*), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 415), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 399), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 426), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 429), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-17 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 430 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-7 ta' Dicembru 2017 (*a fol.* 433 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2009, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Daniel Zammit** (*a fol.* 15 *et seq.*) fejn spjega li fil-21 ta' Jannar 2009 kien sar rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rahal il-Gdid minn Eligio Vella li kien safa' misruq minn gewwa x-

*showroom* li ghandu fi Triq il-Palma, Rahal Gdid. Jghid li nfethet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano. Jixhed li l-affarijiet misruqa kienu jikkonsistu fi zraben u bwiets tal-marka Puma u xi *track suits* u hwejjeg ohra li b'kollox kienu jammontaw ghal madwar €10,000. Spjega li ftit tal-granet wara kien gie nfurmat li l-imputat kien fost dawk involuti fis-serqa msemmija. Jixhed li flimkien mas-surgent tieghu mar ghand l-imputat u li minn tfittxija li saret fid-dar tieghu, cioé Blokk D, Door A, Flat 4, Triq Pietru Gagliardi, Tarxien u gewwa garaxx li ghandu ftit boghod mid-dar tieghu, liema garaxx huwa mikri f'ismu, instabu ammont minn dawn l-affarijiet li kienu misruqa. Jghid li l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet. Ezebixxa l-okkorrenza (Dok. "DZ" – *a fol.* 18 *et seq.*), u zewg stqarrijiet (Dok. "DZ 1" – *a fol.* 20 *et seq.* u Dok. "DZ 2" – *a fol.* 25 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Daniel Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 321 *et seq.*) fejn ezebixxa sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi fit-13 ta' Mejju 2008 fil-konfront ta' numru ta' akkuzati fejn wiehed minnhom huwa Carl Ciantar. Din is-sentenza giet immarkata bhala Dok. "CC" (*a fol.* 323 *et seq.*). Jghid ukoll li l-bieb tal-garaxx kien imsakkar u li ma kellhomx cwievet u b'hekk talbu l-assistenza tal-Protezzjoni Civili. Jghid li milli jiftakar il-bieb kellu jigi sfurzat biex jigi miftuh u go fih kienu nstabu affarijiet relatati mal-kaz odjern.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2009, xehed ukoll **PS 430 Andrew St. John** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn spjega li fil-bidu ta' Frar 2009 kienu qed jinvestigaw serqa minn gewwa stabbiliment tal-Puma li qieghed fit-telgha tac-cimiterju fejn giet sgassata x-*showroom* u nsterqu ghadd ta' *stock* tad-ditta msemmija. Jghid li waqt l-investigazzjoni mill-iSpettur Daniel Zammit saru jafu b'certu nies li kellhom materjal partikolari li kien jikkoncerna l-istess serqa fejn irrizulta li Carl Ciantar kien qed jissupplixxi dan il-materjal. Jghid li saru jafu li Carl Ciantar kien qed jaghmel uzu minn garaxx biswit il-flat ta' missieru minn fejn kien qed jaghmel il-bejgh ta' dawn l-affarijiet. Jghid li marru ghal din il-persuna u saret tfittxija fejn joqghod, cioé fil-flat tal-papa' tieghu. Jghid li Ciantar ikkonferma li kien jaghmel uzu mill-garaxx pero qal: *"Wiehed jista' jghid mill-ewwel li as such ma*

*bediex jikkopera mal-Pulizija"* (*a fol.* 29). Jghid li Ciantar qalilhom li ma kellux cavetta tal-garaxx u li eventwalment gie sgassat il-garaxx in kwistjoni fejn instab *stock* ta' ammont partikolari taz-zraben tal-Puma, fejn kien hemm ukoll xi *hangers* u materjal relatat mas-serqa.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2009, xehdet ukoll **WPC 22 Lara Butters** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn meta giet murija okkorrenza mmarkata bhala Dok. "DZ" (*a fol.* 18 *et seq.*) ikkonfermat li dan huwa r-rapport taghha tal-21 ta' Jannar 2009.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2009, xehed ukoll **Simon Borg** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa ghandu blokk bini bil-garaxxijiet tahthom gewwa Hal-Tarxien u jghid li dawn jinsbu fi Triq Gian Anton Tanti. Jghid li uhud minn dawn il-garaxxijiet huma mibjugha u uhud huma mikrija. Jixhed li lill-imputat jafu ghax krielu garaxx li jinsab quddiem ir-rampa fi Triq Gian Anton Tanti. Jghid li ilu mikri madwar sena u mistoqsi jghid lil min kien mikri l-garaxx f'Jannar jew Frar 2009 jghid li suppost kien mikri lill-imputat. Jixhed li c-cavetta tinsab ghand l-imputat u li hu (Borg) m'ghandux cavetta.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2009, xehed **PS 1257 Cornad Ellul** (*a fol.* 93 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tar-rapport (Dok. "CE" – *a fol.* 95 *et seq.*) rigward serqa li kienet saret fil-21 ta' Jannar 2009 mill-hanut Puma Store, Triq il-Palma, Rahal Gdid. Jghid li fil-5.30am kien gie nfurmat mill-*control room* li kien ghaddej ragel bil-mixi u nnota li kellhom zewg bibien miftuhin. Jghid li mar fuq il-post u nnota li kien hemm bieb li kellu sinjali ta' levatura u kif dahal gewwa kien hemm bieb iehor daqxejn kbir li kien bizzejjed li jidhol van u dan kien imsakkar b'zewg firrolli li kienu mnizzlin. Jghid li waqt li kien qieghed gewwa setgha jara li mal-art kien hemm marki tat-*tyres* u xi ilma. Jixhed li dak il-lejl kienet ghamlet ix-xita u qabel ma' mar is-sid setgha jara li kien hemm *stock* li kien jidher nieqes. Jghid li meta wasal dan is-sid, cioé Eligio Vella, ikkonferma li kien hemm ammont konsiderevoli ta' *stock* li kien nieqes.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2009, xehed **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 115 *et seq.*) fejn spjega li fil-21 ta' Jannar 2009 kien gie

appuntat bhala espert tal-impronti digitali sabiex jaghmel ezamijiet kimici fuq diversi dokumenti li gew mghoddija lilu mill-esperti tax-xena tar-reat li kienu gew nominati fl-Inkjesta Magisterjali rigward serqa mill-fond Puma Store, Triq il-Palma, Rahal Gdid. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "PF" (*a fol.* 117 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2009, xehed ukoll **PS 404 Paul Camilleri** (*a fol.* 136 *et seq.*) fejn spjega li f'Jannar 2009 kien gie nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Quintano. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "PC" (*a fol.* 138 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2009, xehed ukoll **Eligio Vella** (*a fol.* 145 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem ma' missieru u li ghandhom hwienet tal-Puma u li ghandhom negozju tal-familja. Jghid li, jekk jiftakar sew, f'Dicembru tas-sena 2008 kienu cemplulu l-Pulizija u qalulu li kien gie misruq. Jghid li mar fil-hanut fi Triq il-Palm, f'Rahal Gdid fejn sab il-Pulizija fuq il-post. Jghid li ghamel *statement* tal-affarijiet li kien hemm neqsin ghax kien ghadu kemm iccekkjahom ricentement. Spjega x'ghamel f'dan l-i*statement*. Mistoqsi jghid kemm kien l-ammont ta' flus li jista' jghid li tilef mis-serqa, wiegeb: *"10,000 Euro zgur"* (*a fol.* 147). Meta gie muri xi boroz mill-Qorti, jghid li dawk huma biss ammont zghir u jispecifika li kien hemm hafna aktar. Jghid li nsterqu, mhux hazin, Puma Sartori li jinbieghu €160. Spjega fejn kienu fil-hanut id-diversi zraben li jsemmi fid-depozizzjoni tieghu. Jghid li kollox kien vizibbli, inkluz il-bwiets. Jghid li fil-hanut dejjem ikollhom bhala *stock* bejn 25,000 u 30,000 par. Jghid li b'kollox, inkluz hwejjeg, ghandhom man-nofs miljun Euro. Ghad-domanda tal-Qorti: *"Kieku nitolbok tghidli dik il-gurnata li sar ir-reat, x'kellek, possibbli tikkwantifika x'kien hemm?"* (*a fol.* 149), wiegeb: *"Bl-ezatt bl-ezatt, le"* (*a fol.* 149). Jghid ukoll: *"Ifhem inkunu quite accurate ahna, peress li jiena kuljum hemm hekk naf x'ghandi u m'ghandhiex xoghol"* (*a fol.* 149). Meta gie nfurmat mill-Qorti li huwa ghamel riferenza ghal Dicembru u gie mitlub jghid x'kien l-ammont li kellu fl-*istore* fl-20 u fil-21 ta' Jannar 2009, wiegeb: *"Ghax skuzani f'Dicembru kienu dahlulna wkoll u hadulna l-cash registers. Skuzani u nahseb hallat id-*

*data. Ifhem nista' nghidlek li l-hanut kien mimli hafna ghax fejn kienu dawn, il-Puma Esito, dawk kienu ezatt, ghandna kuritur u nuzawh l-ahhar kuritur meta l-hanut ikun ippakkjat sew. At that stage nista' nghidlek li l-hanut kien l-iktar darba li kien ippakjat"* (*a fol.* 150). Ghad-domanda mill-Qorti jekk l-i*stock* bejn l-20 u l-21 ta' Jannar 2009 kienx jaqbez Lm1000, wiegeb: *"Iva hafna iktar minn hekk"* (*a fol.* 150). Jghid li bhala agenti tal-Puma f'Malta huma biss id-distributuri. Meta gie mistoqsi jghid jekk b'certezza jaghrafx l-affarijiet li importa hu, wiegeb: *"Mija fil-mija"* (*a fol.* 151). Mistoqsi jghid ghala qed jghid hekk, wiegeb: *"Ghax dawk il-bwiets kellna bhalhom gurnata qabel u mbaghad l-ghada ma sibthomx. Nista' nghidlek x'jisimhom u kollox. Dan il-boots jismu Puma Sartori. Dan ghad fadlilna minnhom ukoll. Dan il-Puma Ducati tal-muturi. Dan huwa boots tad-Ducati wkoll. Dan boots jismu Puma London"* (*a fol.* 151). Gie muri l-kaxxi u spjega x'kien qed jara.

Pros.: *"Fuq dan l-article number jew serial number li ghandhom dawn il-kaxxi, x'tista' tghidilna dwarhom dawn? Fis-sens, dawk is-serial numbers, jista' jimpurtahom haddiehor hawn Malta jew jinbieghu lilek biss minn barra?"*

Xhud: *"Jista' jimpurtahom haddiehor ukoll iva imma dak il-mudell li ghandek fil-kaxxa"*.

Qorti: *"Jigifieri kieku kelli naqbad il-boots issa u naqbad il-kaxxa rispettiva tieghu ser nara li hemm l-article number jaqbel mal-kaxxa?"*

Xhud: *"Iva. Infatti ara iehor hekk huwa Puma Esito XLTT. TT huwa Training Turf li jkunu bit-tappijiet zghar. U dan huwa l-kulur white red li jigi dak t'hemmhekk. Issa ma nafx jekk hux l-istess bhalu jew le imma huwa l-istess wiehed"*.

Qorti: *"Ara l-kaxxa l-ohra"*.

Xhud: *"Berlin boots li huwa dak il-beige t'hemm hekk. Dan dejjem nistghu niccekkjaw ma' l-article hawn hekk u l-article fuq il-kaxxa. Din hija Sartori l-boots l-abjad. Dan hemm abjad u iswed bhalu. Issa din ditta taghna ohra, Rea, ditta Taljana, dawn l-ispallieri huma taghna u*

*nixtruhom 4 Euro kull wahda. Issa dan ma nafx x'inhu, gie li jkollna xi haga simili tieghu biex nifthu l-kaxxi"* (*a fol.* 152).

Jghid li minhabba s-serqa sofra hsara fis-sens li kienu sfrundaw il-bieb il-kbir li ghandhom u baqghu dehlin bil-van jew b'xi vettura. Jghid li l-hsara li saret kienet fis-serraturi. Mistoqsi jghid kemm, wiegeb: *"Ifhem lanqas niftakar ezatt imma forsi 100 Euro l-iktar. 150 Euro forsi pero mhux cert"* (*a fol.* 153). Jghid li lill-imputat qatt ma rah u mbaghad jghid li forsi jista' jkun li rah pero ma tax kaz.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kkwantifika l-ammont globali tal-affarijiet li nsterqu minimum ta' €10,000. Jghid li apparti l-affarijiet li gew ezebiti kien hemm hafna aktar affarijiet misruqa. Mistoqsi jghid kemm insteraq bhala *stock*, wiegeb: *"Ifhem meta ghamilt statement kont iktar preciz ghax kont ghadni frisk dakinhar stess. Indunajna ahna ghax ghandna kollox displayed u tinduna kemm il-row hadulek u b'hekk konna precizi x'hadu u ma hadux"* (*a fol.* 154). Jghid li fix-*showroom* ma tantx kien hemm taqlib pero min seraq qabad u ha l-affarijiet. Jghid li l-hwejjeg ittiehdu bl-ispallieri u z-zraben ittiehdu bil-kaxxi b'kollox. Mistoqsi jghid kemm il-*row* intmisset dakinhar, wiegeb: *"Tal-bwiets jekk mhux sejjer zball la naf tnejn u lanqas tlieta. Issa row gieli ntellghuha 15-il par fuq xulxin"* (*a fol.* 155). Jghid li l-bwiets ittiehdu kwazi kollha.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2011, xehed **PS 46 Charlot Casha** (*a fol.* 234 *et seq.*) fejn spjega li fil-21 ta' Jannar 2009 kien gie nominat bhala *Scene of the Crime Officer* flimkien ma' PC 826 Matthew Parnis fl-Inkjesta Magisterjali rigward il-kawza odjerna. Ezebixxa r-rapport redatt minnhom it-tnejn li gie mmarkat bhala Dok. "CC" (*a fol.* 236 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2013, xehdet **Dr. Marisa Cassar** (*a fol.* 301 *et seq.*) fejn ezebiet ir-rapport redatt minnha fir-rigward tal-Inkjesta dwar sejba ta' borza fi Triq Gian Anton Tanti nhar it-30 ta' Jannar 2009 liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MC" (*a fol.* 303 *et seq.*). Irritornat ukoll l-ezebiti li tghid li kienu ingwanta tas-suf ta' lewn iswed u beritta ta' lewn kannella bil-kliem O'Neil. Tghid li mill-analizi tad-DNA li ghamlet u minn *swabs* li ttiehdu mill-

ingwanti kienu hargu xi *profiles* u li anke mill-beritta kien hareg ukoll *profile.*

**Dr. Marisa Cassar** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 393) fejn ezebiet rapport iehor li gie mmarkat bhala Dok. "MC" (*a fol.* 395 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 368), xehed **Dr. Reno Borg** fejn qal li kien gie appuntat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "RB" (*a fol.* 370 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 383 *et seq.*) fejn ipprezenta r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM" (*loose envelope*).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex

ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Busuttil**: *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive*

*documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni".

**Ikkunsidrat**

Illi minn harsa lejn l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali jirrizulta li fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat b'serq minn hanut (liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin), bi hsara volontarja u kif ukoll bir-recidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-serqa li ssir riferenza ghaliha fl-atti processwali hija dik li saret minn *showroom* li tinsab fi Triq il-Palma, Paola.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti tinnota li ser tiskarta l-istqarrijiet (Dok. "DZ 1" u Dok. "DZ 2" – *a fol.* 20 *et seq.* u *a fol.* 25 *et seq.*) rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija u dak li nghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li dawn l-istqarrijiet gew mehuda fis-sena 2009, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kienitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-

Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

**Ikkunsidrat**

Illi taht **<u>l-ewwel (1) imputazzjoni</u>**, l-imputat qed jigi akkuzat b'serq ikkwalikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin. Il-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*.
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'riferenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., <u>Trattato di Diritto Penale Italiano</u> (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- Fid-depozizzjoni tieghu, l-iSpettur Daniel Zammit jghid li minn tfittxija li saret fid-dar fejn joqghod l-imputat u f'garaxx li jinsab ftit boghod mid-dar tieghu u li jinsab mikri f'ismu, instabu ammont mill-affarijiet li kienu misruqa.

- Fid-depozizzjoni tieghu, PS 430 Andrew St. John qal li saret tfittxija fejn joqghod l-imputat li kkonferma li kien jaghmel uzu minn garaxx pero qal li Ciantar qalilhom li ma kellux cavetta tal-garaxx. Jghid li meta eventwalment gie sgassat il-garaxx in kwistjoni nstab *stock* ta' ammont partikolari taz-zraben tal-Puma, fejn kien hemm ukoll xi *hangers* u materjal relatat mas-serqa. Fid-depozizzjoni tieghu, PS 430 St. John mkien ma' jghid li nstab xi haga fejn jirrisjedi l-imputat u dana b'differenza ghal dak li kien xehed l-iSpettur Daniel Zammit!

- Simon Borg ikkonferma li jaf lill-imputat ghax krielu garaxx li jinsab quddiem ir-rampa fi Triq Gian Anton Tanti u li f'Jannar jew Frar 2009 kien "*suppost*" (*a fol.* 35) mikri lill-imputat. Xehed li c-cavetta tinsab ghand l-imputat u li hu (Borg) m'ghandux cavetta.

Illi l-unika haga li tista' <u>b'xi mod</u> torbot lill-imputat mas-serqa *de quo* hija l-fatt li f'garaxx li huwa kellu c-cavetta tieghu nstabu affarijiet misruqa. Dan gie konfermat kemm mill-iSpettur Daniel Zammit u kif ukoll minn PS 430 Andrew St. John. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li mill-atti jirrizulta wkoll is-segwenti:

- Fid-depozizzjoni taghha (*a fol.* 301 *et seq.*), l-esperta Dr. Marisa Cassar tghid li minn analizi li ghamlet tad-DNA u minn *swabs* li ttiehdu mill-ingwanti kienu hargu xi *profiles* u li anke mill-beritta kien hareg ukoll *profile.* Fir-rapport Dok. "MC" (*a fol.* 303 *et seq.*), Dr. Cassar tikkonkludi s-segwenti: "*Mill-kampjuni analizzati hargu profili genetici mhalltin. Ma jistax jigi eskluz li wiehed zgur mill-kontributuri tal-profil genetiku huwa ragel*" (*a fol.* 304).

Meta Dr. Marisa Cassar regghet xehdet hija qalet (*a fol.* 393) li ghamlet ezami komparattiv mal-profil genetiku ta' Carl Ciantar u l-probabilita' li wiehed mill-kampjuni li jista' jkun hemm jista' jkun kontribuzzjoni tieghu hija ta' 1 f'72 li tghid li hija baxx hafna hdejn is-soltu. Fir-rapport taghha (Dok. "MC" – *a fol.* 395 *et seq.*) ikkonkludiet is-segwenti:

> *"Mill-kampjuni li kienu gew analizzati 09AGA203 u 09AGA204 kienu hargu profili genetici fejn kien hemm iktar minn kontributur wiehed u fejn wiehed mill-kontributuri tal-profil genetiku huwa zgur ragel.*
>
> *Illi meta wiehed jikkonsidra l-profil genetiku imhallat li hareg mill-kampjun 09AGA204, il-probabilita' li Carl Ciantar (ID No. 421789M) hu wiehed mill-kontributuri hi ta' 72.17 iktar mill-probabbilita' li l-profil genetiku li hareg ma jinkludix dak ta' Carl Ciantar ID 421789M".*

- Fir-rapport tieghu (Dok. "JM" – *loose envelope*), l-espert is-Sur Joseph Mallia (li kien gie nkarigat jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti elevati u dawk tal-imputat) wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"1. Illi l-impronti dokumenti 09AEG 201 u 09AEG202, gew ikkomparati mad-dokumenti JM formola tal-impronti digitali u JM 1 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Carl Ciantar, detentur tal-karta tal-identita' numru 421789M, bir-rizultat fin-negattiv;*
>
> *2. Illi l-impronta dokument 09AEG203, hija nieqsa mill-punti karatterestici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-impronta, u d-dokument JM formola tal-impronti digitali u JM 1 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Carl Ciantar, detentur tal-karta tal-identita' numru 421789M".*

- Minkejja li fid-depozizzjoni tieghu PS 430 Andrew St. John qal li waqt l-investigazzjoni mill-iSpettur Daniel Zammit saru jafu

b'certu nies li kellhom materjal partikolari li kien jikkoncerna l-istess serqa fejn irrizulta li Carl Ciantar kien qed jissupplixxi dan il-materjal, hadd minn dawn in-nies ma gie mressaq biex jaghti d-depozizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri!

Illi minkejja dak li nstab fil-garaxx imsemmi fl-atti processwali, il-Qorti tinnota li mehud in konsiderazzjoni l-bqija tal-atti msemmija jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi dak li jirrizulta fl-atti processwali jista' jindika biss diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Il-Qorti tista' tispekula dwar x'involviment setgha kellu l-imputat madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih taht l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

Illi fir-rigward **<u>tal-imputazzjonijiet l-ohra</u>** addebitati fil-konfront tal-imputat, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti m'ghandha ghalfejn taghmel l-ebda konsiderazzjoni *stante* li in segwitu tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni jsegwi li l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha addebitati fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Carl Ciantar hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**